**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 455/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lara (Larissa) Grima Baldacchino**
**Kane Palmier**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Lara (Larissa) Grima Baldacchino, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0033869(M), u Kane Palmier, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 200198(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tas-01:30hrs, bħala persuni responsabbli mill-istabbiliment bl-isem 'La Buona Trattoria del Nonno' sitwat fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar:

1. Ħaddmu jew ġiegħlu jew ħallew lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamlu jew inkella ġiegħlu jew ħallew li jsiru ħsejjed daqshekk qawwija fi triq, ħanut, f'post pubbliku u/jew f'kull bini ieħor, li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqgħodu fil-qrib ċioe' lil Mario Deguara;
2. U aktar talli ppermettejtu u/jew daqqejtu mużika tgħajjat u/jew l-użu ta' *loud speakers* u/jew amplifikata mingħajr liċenzja tal-awtorita' kompetenti;

3. U aktar talli ġibtu ruħkom b'mod li tajtu fastidju lil Mario Deguara;
4. U aktar talli kontu tafu jew messkhom kontu tafu li kontu ta' fastidju għal Mario Deguara;
5. U aktar talli bil-lejl ksirtu l-mistrieħ tan-nies ċioe' ta' Mario Deguara bi ħsejjes jew għajjat jew mod ieħor;
6. U aktar talli ħallejtu b'inhar u/jew bil-lejl, kant jew ħsejjes li setgħu jdejjqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lil Mario Deguara;

U aktar talli, Lara (Larissa) Grima Baldacchino waħidha:

1. Meta kellha liċenzja, naqset li tħares xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġetta l-liċenzja.
2. U aktar talli ippermettiet lil Kane Palmier jagħmilha ta' *substitute* mingħajr il-liċenzja mill-Awtorita Kompetenti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kaz ta' ħtija tiskwalifika lill-imputati milli jkollhom jew jiksbu dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorita', għall-perijodu ta'zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq skond l-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 41(2)(a) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, regolament 15(2) u paragrafu 9 tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, regolament 21 u 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09, artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputata Lara (Larissa) Grima Baldacchino ħatja tat-tieni, tas-sitt u tas-seba' imputazzjoni u kkundanatha għall-ħlas ta' multa ta' elf u ħames ewro (€1,500) filwaqt li lliberatha mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha. Il-Qorti sabet lil Kane Palmier ħati tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni u kkundannatu għal ammenda ta' mitejn ewro (€200) filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha. Finalment, il-Qorti għażlet li fiċ-ċirkostanzi ma tapplikax l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellanti Lara (Larissa) Grima Baldacchino u Kane Palmier, ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2023, fejn –

1. Lara (Larissa) Grima Baldacchino talbet lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitha mhux ħatja tal-ewwel, il-ħames u s-sitt imputazzjoni u kif ukoll taqbel ma' dik il-parti tas-sentenza fejn

ma applikatx l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni, tas-sitt u tas-sebgħa imputazzjonijiet u tiddikjaraha mhux ħatja skond il-liġi.

2. Kane Palmier talab lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu mhux ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet u kif ukoll taqbel ma' dik il-parti tas-sentenza fejn ma applikatx l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u ddikjaratu mhux ħati skond il-liġi għar-raġunijiet fuq premessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel aggravju huwa wieħed mressaq 'il quddiem mill-appellant Kane Palmier fejn jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u dan meta jikkontendi li ma rriżultax mill-atti illi hu kien il-persuna responsabbli għall-istabbiliment indikat fiċ-ċitazzjoni dakinhar tal-allegat inċident. *In oltre*, jisħaq li kwalunkwe dikjarazzjoni li huwa għamel mal-investigaturi hija inammissibbli stante li ma ingħatax twissija skond il-liġi qabel kien minnhom mitkellem.

Illi, fl-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellant Palmier huwa kien mixli talli nhar id-9 t'Awwissu 2022, għal ħabta tas-1:30hrs, bħala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment "La Buona Trattoria Del Nonno" kien ħaddem jew ġiegħel jew ħalla lil min iħaddem *loud speaker*, *gramaphone*, amplifikatur jew strument bħal dawn, u għalhekk għamel jew inkella ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqsekk qawwija fi triq,

ħanut, f'post pubbliku u/jew f'kull bini ieħor, li dejqu lin-nies li joqgħodu fil-qrib, ċioe' lil Mario Deguara, u dan fit-termini tal-artikolu 41(2)(a) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **(2) <u>Ħadd</u> ma jista' –**
> **(a) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew**
> **(b) f'kull bini ieħor,**
> **billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkellajġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib.**

Illi allura huwa evidenti illi l-liġi hija mfassla b'mod ġenerali u ma tindika mkien illi l-persuna li tkun qiegħda idoqq il-mużika f'xi ħanut għandu jkun il-l*icensee*, l-operatur jew is-sostitut tal-liċenzja tal-ħanut, sabiex b'hekk kull minn jiġġenera dan l-istorbju huwa ħati ta' dan ir-reat.

Illi, mill-*affidavit* imħejji minn PC 134 Jason Camilleri, jirriżulta illi nhar id-9 t'Awwissu 2022, għall-ħabta ta' 1:30hrs, huwa u l-kollega tiegħu PC 753 ġew infurmati li kien hemm storbju fl-istabbiliment "*La Buona Trattoria del Nonno*". Għalhekk huma rrikorrew fuq il-post "**fejn il-muzika kienet tinstema' minn barra**". Kienu sussegwentement kellmu lill-appellant Kane Palmier "**fejn dan mar u baxxa l-muzika minnufih**".

Illi, minn eżami ta'l-atti ma jidhirx illi din it-testimonjanza ġiet skossa b'xi kontro-eżami li l-appellant kellu dritt li jagħmel skont il-proċedura imfassla fl-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali:

> **(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa**

**għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**
**Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**
**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, l-appellant qatt ma talab sabiex PC 134 Jason Camilleri jittella' jixhed in kontro-ezami sabiex jiġi mistoqsi dwar il-kontenut tal-*affidavit* magħmul minnu, u li jidher li qed jikkontesta. Jikkonsewgi illi ġaladarba dan ma sarx, l-*affidavit* ippreżentat mill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija huwa kkunsidrat ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. *In oltre*, dina l-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida li tista' twassalha tiddubita mill-kontenut ta' dan l-*affidavit,* kif ukoll mill-verzjoni mogħtija mill-istess uffiċjal tal-Pulizija, u dana stante li hija pjenament ikkorroborata mix-xhieda tal-parti offiża Mario Deguara.

Illi, Mario Deguara filfatt xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li mhux minnu li għamel ir-rapport odjern biex idejjaq lill-appellanti izda "**Għamilt ir-rapport għax ġejt imdejjaq ġo dari**". Jirrakonta li dakinhar tal-inċident *de quo* - "**Kienu x'il-għaxra ta' filgħaxija, bdejt nisma' l-muzika b'ton għoli u jiena peress li kelli l-avvizi, l-adverts tal-events li kienu ser isiru dakinhar, jiena nħsadt, għidt Maria Santa, għidt wara li aħna tajna l-id tal-ħbiberija, illum ħa jsir dan?**". Jgħid li dak il-ħin huwa ċempel lill-Pulizija fejn infurmahom bis-sitwazzjoni iżda kien qalilhom sabiex ma jinżlux fuq il-post u talabhom biex iċemplu lis-sidien biex jinfurmawhom li

l-mużika kienet għolja żżejjed. Deguara kompla jixhed li - "**Il-mużika kompliet. Jiena wara l-ħdax marret għajni bija, irqadt ftit u fis-siegħa ta' filgħodu inqum għax bdejt nisma' l-mużika" ... "Sweet Caroline" għaddejja full blast**". U hemmhekk kien reġa' ċempel lill-Pulizija li waslu fuq il-post, u l-mużika tbaxxiet.

Illi huwa indubitat allura li meta l-Pulizija irrikorrew fuq il-post sabu li kien l-appellant Palmier li kien qed jieħu ħsieb l-istabbilment, tant illi huma kellmu lilu, tawh ordni sabiex ibaxxi l-mużika u dan minnufih obda din l-ordni., sabiex b'hekk huwa evidenti illi kien hu u ħadd iktar li kien qed jippermetti id-daqq ta' din il-mużika b'volum għoli fil-ħinijiet bekrin ta' fil-għodu

Illi, l-appellant jisħaq ukoll li dak li huwa stqarr mal-Pulizija m'għandux jittieħdu in konsiderazzjoni u dana għaliex ma ġewx segwiti d-dettami mfassla fl-Artikoli 355AU u 355AUA tal-Kodiċi Kriminali. Mingħajr tlaqliq, dina l-Qorti ttenni li ma taqbilx ma tali raġunament, u dan għaliex fix-xiehda tal-pulizija li nvestiga dan il-każ ma jidhirx illi l-appellant kien minnu mitkellem, iżda sempliċment kien ordnat ibaxxi l-volum tal-mużika, u huwa obda din l-ordni. Kif tajjeb issostni l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, fl-ebda waqt ma jista' jingħad illi l-appellant għamel xi stqarrijiet inkriminatorji, kif lanqas jirriżulta, kif ingħad, illi huwa kien mitkellem mill-pulizija, u jekk fil-fatt huwa qal xi diskors, dan ma ġiex riprodott fit-tetsimonjanza ta' PC134, Jason Camilleri, u għaldaqstant l-appellant Palmier ma għandux raġun f'dan l-ilment minnu ventilat.

Illi, magħmula dawn l-konsiderazzjonijiet kollha, dina l-Qorti tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant Kane Palmier għall-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju huwa wieħed mressaq miz-zewġ appellanti kolleġjament fejn jisħqu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi u tal-provi meta sabithom ħatja tat-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom. Huma jsostnu li

mill-provi ħareġ ċar li l-istabbiliment huwa rreġistrat mal-Awtorita′ tat-Turizmu u mhux mal-Awtorita′ tal-Kummerċ li taħtha taqa′ t-tieni imputazzjoni li hija imsejsa fuq dak li tipprovdi il-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07. Imbagħad l-appellant Palmier jerġa′ jtenni illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli għall-istabbiliment u għalhekk kellu jkun illiberat minn din l-imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni addebitata lill-appellanti hija dik imfassla fir-regolament 15(2) u l-Paragrafu 9 tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, liema regolamenti jaqgħu taħt il-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta′ Malta u ċioe′ l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ. L-appellanti jsostnu illi stante li l-istabbiliment mertu tal-vjolazzjoni lilhom addebitati huwa ristorant, allura il-liċenzja għall-ġestjoni ta′l-istess taqa′ taħt l-Awtorita′ tat-Turiżmu u allura hija regolata bil-provvedimenti mfassal fil-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta′ Malta u l-Leġislazzjoni Sussidjarja li taqa′ taħt l-istess.

Illi għalkemm huwa minnu illi l-attivita′ kummerċjali ġestita mill-fond *La Buona Trattoria del Nonno* ma taqa′ taħt l-ebda waħda minn dawk l-attivitajiet regolati bil-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta′ Malta, kif indikat fit-Taqima I tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441. 07, madanakollu r-Regolament 12(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjara 409.15, li jitkellem dwar id-daqq ta′ mużika minn stabbiliment ta′l-ikel bħal dak soġġett għal dawn il-proċeduri, jistipula illi din l-attivita′ għanda tkun regolata bir-regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ meta hemm hekk dispost testwalment:

> **(4) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jkollhom skont il-liġijiet u regolamenti applikabbli, detenturi ta′ liċenzi u operaturi ta′ stabbilimenti tat-turiżmu li jkolhom liċenza biex idoqqu mużika amplifikata, <u>għandhom jikkomformaw ruħhom il-ħin kollu mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ</u>.**

Kwindi l-appellanti ma għandhomx raġun f′dan l-aggravju minnhom ventilat. Il-Paragrafu 9 tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni sussidjarja 441.07 jipprovdi illi:

> **Ebda attività kummerċjali li tkun tinsabu f′żona' urbana ma tista′ tiġġenera xi ħoss li jista′ jinstema′ minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien bid-daqq ta′ mużika minn baned live jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-ħinijiet tal-11.00 p.m. u d-9.00 a.m. tal-għada filgħodu u bejn is-1.00 p. m u l-4.00p.m**

Illi, kif diġa' ingħad, huwa stabbilit li filfatt kien hemm muzika amplifikata għolja li kienet qed tindaqq minn ġewwa l-istabbiliment *de quo* fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u dan kien qed idejjaq lill-ġirien. Fir-rigward ir-rwol tal-appellanti Grima Baldacchino, jirriżulta mill-affidavit tax-xhud Malcolm Zerafa, in rapprezentanza tal-Awtorita' tat-Turizmu, li d-detentriċi tal-liċenzja ta' l-istabbiliment bl-isem "*La Buona Trattoria del Nonno*" (kemm ir-ristorant kif ukoll il-bar) hija f'isem l-appellanti Grima Baldacchino u ilha hekk minn nhar l-24 ta' Settembru 2021, liema liċenzja kienet valida sal-31 ta' Diċembru 2022. Għaldaqstant, kienet jew ma kinitx fuq il-post dakinhar tal-inċident ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita' li hija ġġorr bħala d-detentriċi tal-liċenzja tal-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri. Mhux biss, iżda minn emejl li ntbagħtet nhar is-16 t'Awwissu 2023 minn Mark Scerri Simiana in rapprezentanza tal-Awtorita' dwar it-Turiżmu, jemerġi illi "**The mentioned premises does not have an amplified music permit**".

Issa fir-rigward tal-appellant Palmier, jingħad illi din l-imputazzjoni kif ingħad taqa' fid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 15(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 u paragrafu 9 tat-Tieni Skeda liema obbligu, fit-termini tar-regolament 12(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjaraja 409.15 jaqa' fuq l-ispalla tad-detenturi tal-liċenzja jew l-operaturi tal-istabbiliment li għandhom jikkonformaw rwiehom ma' din il-liġi u r-regolamenti li jikkonċernaw id-daqq tal-mużika kif hawn fuq imfisser.

Illi minn eżami tad-dokument eżebit a fol.35 tal-atti, li hija il-liċenzja li tippermetti it-tmexxija ta' dan in-negozju, jirriżulta illi l-appellant Palmier ġie indikat bħala *registered subsitute* flimkien ma' Jake Palmier b'effett mid-19 ta' Ottubru 2022 u allura fil-jum indikat fl-akkuża ma kienx liċenzjat biex jaġixxi bħala *substitute*. Lanqas ma hemm indikat illi huwa kien approvat bħala operatur u dan kif definit fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta bħala dik il-persuna "*li ma tkunx sid, li tkun intitolata li tħaddem dik l-attività turistika minn jeddha kif intitolata, direttament jew indirettament, minn sid.*" Illi r-regolament 4(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.08 li tfassal id-

disposizzjonijiet ġenerali dwar l-attivitajiet turistiċi[1] tgħid hekk fir-rigward tal-operatur:

> **4)(a) Meta detentur ta' liċenza jkun irid iqabbad operator biex imexxi l-attivita turistika, kollha jew parti minnha, huwa għandu jikseb l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità.**
>
> **b) Jekk l-operatur ta' attività turistika, jew ta' parti minnha, huwa differenti mid-detentur tal-liċenza, dak id-detentur għandu jissottometti l-informazzjoni dwar l-operatur lill-Awtorità u għandu wkoll jinforma lill-Awtorità meta l-operatur jinbidel.**

Jikkonsewgi għalhekk illi kien fid-dmir tad-detentur tal-liċenzja jew tal-operatur kif approvat mill-Awtorita' illi jikkonforma ruħu mal-liġi u mal-liċenzja. Tant hu hekk illi l-kuncett tal-'*absolute liability*' tintuża fir-rigward ta' reati li jwasslu għar-responsabbilta' penali ta' dak li jkun allavolja ma jkunx hemm il-prova tal-*mens rea* jew l-intenzjoni li jikkometti r-reat. Dawn huma l-eċċezzjonijiet għar-regola ta' '*actus non facit reus nisi mens sit rea*'.

Igħid hekk il-Professur Mamo fuq dna il-kunċett ta' responsabbilta' penali.

> ***'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).***

Minn naha l-ohra:

> ***Strict liability offences do not require proof of fault and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.***

[1] "attività turistika" tfisser lukanda, guest house, hostel, post għall-vaganzi, dar li tintuża biex tipprovdi alloġġ lit-turisti, stabbiliment li jipprovdi ikel, …..
"stabbiliment li jipprovdi ikel" tfisser kull bini, lokal jew stabbiliment ieħor, inkluż kull kjosk, ikun kif ikun deskritt, li jipprokura b'kumpens ikel u, jew, xorb inkluż kull inbid u spirti, għall-konsum

Jikkonsegwi illi fil-każijiet ta' offiżi li huma ippruvati hekk kif jkun imwettaq l-att materjali waħdu mingħajr il-bżonn li jkun ippruvat l-element formali, dawn jaqgħu taħt 'l hekk imsejjaħ *absolute liability*, liema kunċett madanakollu m'għandux jkun ekwiparat ma' dak ta' 'l hekk imsejjaħ *strict liability*, fejn għalkemm ukoll f'dawn l-offiżi ma hemmx il-bżonn li tkun ippruvata l-intenzjoni kriminuża, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difiżi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-prinċipju ta' *strict liability* għandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta' vikarja kif maħsub fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin ta' l-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.**

Illi allura f'dawn il-każijiet il-piż tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkużata b'dan għalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija ghamlet dak kollu meħtieġ sabiex tevita li jiġi kommess ir-reat, u li allura eżerċitat id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jkun żgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt. Illi l-appellanti, kif ingħad, bħala detentriċi tal-liċenzja tal-istabbiliment ma tressaq ebda prova li tista' b'xi mod teżoneraha mill-ħtija u dan sal-grad minnha mistenni. Dan ifisser illi sabiex teżonera ruħha mill-ħtija għal din l-imputazzjoni l-appellanti kellha tressaq il-provi illi hija eżerċitat id-diliġenza minnha meħtieġa sabiex taċċerta ruħha illi jkun hemm ottemperanza sħiħa mal-liġi u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja. F'materja ta' liċenzji bhal dawk in eżami, il-*licensee* jidħol personalment responsabbli għal kull nuqqas li seta jkun evitat li kieku huwa kien fiżikament preżenti fuq il-post. *"Licenzja bhal dik in kwistjoni tohrog fuq persuna fizika, u mhux fuq persuna morali jew guridika, ghax hija proprju l-persuna fizika li tassumi r-responsabbilta`, bil-presenza taghha fuq il-post licenzjat, li tara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dik illicenzja jigu osservati"*[2].

---

[2] 25 ta' Jannar 2008, Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Debrincat *omissis*.

Illi allura għalkemm l-azzjoni penali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Palmier ma tistax tirnexxi, billi huwa la kien detentur tal-liċenzja, la kien sostiut u lanqas operatur, tirriżulta il-ħtija għal din l-imputazzjoni fil-konfront ta'l-appellanti Grima Baldacchino, kif tirriżulta ukoll il-ħtija kontra Palmier kif ingħad għall-ewwel imputazzjoni li hija prosegwibbli *ergo omnes*, irrispettivament mil-figura li tokkupa fil-ġestjoni tan-neġozju.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti, għal darb'oħra kolleġjament jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi f'dak li jikkonċerna is-sejbien ta' ħtija fil-konfront ta' Kane Palmier għall-ħames u s-sitt imputazzjonijiet u fejn Lara (Larissa) Grech Baldacchino kienet misjuba ħatja għas-sitt imputazzjoni. Illi dawn l-imputazzjonijiet jikkonċernaw reati kontravvenzjonali kif mfassla fl-artikoli 338(m) tal-Kap.9 u r-regolament 23 tal-L.S 10.09, li jiddisponu rispettivament:

> **Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubblika kull min bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.**

U,

> **Ebda persuna bil-liċenza ma għandha tħalli fil-ħanut, la b'inhar u lanqas bil-lejl, kant jew ħsejjes li jistgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u hija għandha tibgħat 'l barra mill-ħanut lil kull min ikun xurban, jew li bi kliem, b'ġesti jewxort'oħra juri li jrid iqajjem storbju.**

Issa għalkemm l-appellanti t-tnejn huma ħatja tal-ħames imputazzjoni billi l-leġislatur fassal il-ħtija għal din il-kontravvenzjoni lil kull min jagħmel l-istorbju fil-ħin tal-lejl, bl-appellanti Grima Baldacchino bħala *licensee* responsabbli għal dak kollu li jiġri fl-istabbilment liċenzjat f'isimha, madanakollu is-sitt imputazzjoni tista' tkun imputabbli biss lid-detentur tal-liċenzja li f'dan il-każ hija unikament l-appellanti Lara Grima Baldacchino. Kwindi l-appellant Palmier għandu ukoll ikun illiberat mis-sitt imputazzjoni billi huwa ma kienx id-detentur tal-liċenzja tal-istabbiliment, kif lanqas ma kien sostitut għall-istess jew operatur tan-neġozju.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-aħħar aggravju mressaq mill-appellanti Grima Baldacchino weħidha jikkonċerna is-sejbien ta' ħtija għas-seba' imputazzjoni, meta tikkontendi illi ġaldaraba hija kienet erronjament mixlija fit-termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif hemm indikat fiċ-ċitazzjoni, din l-imputazzjoni ma tistax tirnexxi.

Illi, kien deċiż fl-20 ta' Ottubru 2020 minn din l-Qorti, diversament presjeduta, fl-appell fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Gilmore Buttigieg": –

> **"Għalkemm verament li l-Prosekuzzjoni messha kienet aktar kawta u attenta meta ġiet biex issemmi l-artikolu tal-Liġi fuq it-taħrika, jibqa' l-fatt li l-artikolu tal-Liġi li l-Pulizija jidhrilha li għandha tinkludi fuq it-taħrika ta' kawża tal-Pulizija bl-ebda mod ma torbot id il-Qorti. Dan għaliex il-Liġi ma teħtieġx li l-Prosekuzzjoni issemmi l-artikolu tal-liġi għar-reat li jkunu qegħdin jixlu bih bħala wieħed mir-rekwiżi li taħrika ta' kawża tal-Pulizija għandu jkollha skont l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid hekk:**
>
> **360 (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**
>
> **Jiġifieri meta l-Prosekuzzjoni fil-każ ta' taħrika ta' kawża tal-Pulizija tinkludi wkoll l-artikolu tal-Liġi mal-akkuża, dan l-artikolu ma jkunx jorbot lil Qorti. Dak li jista', sa ċertu punt, jorbot lil Qorti huma d-dettalji tal-persuna mħarrka, u l-fatti tal-akkuża fil-qosor, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jintħieġu u li jkunu jistgħu jingħataw. U anke hawn, fil-każ ta' taħrika ta' kawża tal-Pulizija żball fl-akkuża jew varjanza li tirriżulta mill-provi imresqa, mhux neċessarjament iġġib magħha l-liberazzjoni tal-akkużat. Mill-banda l-oħra il-fatt li f'każ ta' tali taħrika ta' kawża tal-Pulizija l-Prosekuzjoni tħalli l-artikolu tal-Liġi barra, tali omissjoni ma twassal għal ebda konsegwenza fuq il-ħtija o meno tal-akkużat u dan peress li l-Pulizija mhix obbligata li f'taħrika ta' kawża tal-Pulizija issemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat."**

Illi, l-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn aktar ma' dan l-insenjament. Illi huwa indubitat illi d-disposizzjoni tal-liġi li fuqha tistrieħ id-disa' imputazzjoni taqa' sewwasew f'dak dispost fil-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura jemerġi mingħajr dubbju illi meta l-artikoli tal-liġi ġew indikati b'tipa żgħira hdejn l-

imputazzjoni bħala 'art.43(1)(b), Kap.9', dan kien *lapsus computetri* li kellu jkun indikat bħala 'Kap.409'. Dan ma jnaqqas xejn mix-xilja magħmula fil-konfront tal-appellanti Grima Baldacchino, liema imputazzjoni tirriżulta ppruvata. Għalhekk, anke fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti fir-rigward, dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell in parte, tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma il-ħtija fl-appellanti Lara Grima Baldacchino għall-imputazzjonijiet bin-numru tnejn (2), sitta (6) u seba (7) u tikkonferma ukoll fejn kienet ikkundannata għal ħlas ta' multa ta' €1500, iżda tirrevokaha fejn l-appellant Kane Palmier kien misjub ħati tat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tirrevokaha fejn kien ikkundannat għal ħlas ta' multa ta' €200, u minflok tikkundannah għal ħlas ta' ammenda ta' (ħamsin ewro) €50 għal kull kontravvenzjoni, fit-termini ta'l-artikolu 17(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, b'kollox mitt ewro (€100). Tikkonferma is-sentenza appellata fil-bqija.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**